MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1075/1998/1

**Joseph u Carmen konjugi Baldacchino**

**vs.**

**Maria Victoria sive Victoria u Philip Dedomenico**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l**-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

PERESS li l-attur ghall-perjodu bejn l-4 ta' Marzu, 1981 u s-16 ta' Novembru, 1997, ippresta servigi u assistenzi lill-mejjet Edgar Agius Catania;

Peress li fl-imsemmi perjodu l-attur kien iqatta' zmien twil, gieli anke sa tard bil-lejl mal-imsemmi Edgar Agius Catania, fuq talba ta' l-istess Edgar Agius Catania, li kien ta' spiss ifittxu kemm fuq ix-xoghol, kif ukoll id-dar, ghall-kumpanija.

L-attur kien ta' spiss jiehu hsieb il-bzonnijiet u jaghmel il-qadjiet ta' Edgar Agius Catania, jixtrilu xi affarijiet, iwasslu diversi postijiet, u anke ghamel xi xoghlijiet fil-gnien ta' Edgar Agius Catania, jew jipprokuralu haddiema biex jaghmlu xoghol li jkun mehtieg minnu. Sahansitra, l-attur kien dar bih fiz-zmien meta Edgar Agius Catania kien l-isptar San Luqa kif ukoll l-isptar San Vincenz de Paule;

PERESS li dan kollu sar minghajr ma l-attur qatt rcieva l-ebda kumpens, ghalkemm Edgar Agius Catania kien weghdu diversi drabi li kien ser jiftakar fih;

PERESS li l-konvenuti huma l-werrieta tal-imsemmi Edgar Agius Catania, u, ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tal-kumpens dovut lill-attur, anke permezz ta' atti gudizzjarji, baqghu inadempjenti;

JGHIDU l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandiex:

1. tillikwida, prevja, jekk mehtiega, d-dikjarazzjoni li l-attur irrenda servigi w assistenza lil Edgar Agius Catania, bl-ghajnuna ta' Perit minnha mahtur, dik is-somma li jidrilha xierqa u gusta bhala kumpens ghas-servigi u assistenzi rezi mill-attur fil-perjodu fuq indikat; u

2. tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom li jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar, 1998, kontra l-konvenuti, li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzonijiet tal-konvenuti** a fol. 9 tal-process fejn eccepew:

1. Il-konvenut ghandu jigi liberat mid-domandi minhabba *carenza d'azione* fir-rigward tieghu li huwa estraneu ghall-kawza.

2. L-azzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-atturi ma rrendew ebda servigi jew assistenzi lil Edgar Agius Catania.

Ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tal-atturi ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti** a fol. 169 tal-process fejn eccepew:

1. Illi minghajr pregudizzju tal-eccezzjonijiet ga moghtija, u, fi kwalunkwe kaz, ghall-atturi tosta l-preskritta kwinkwennali tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili, Kap. 16.

Ghalhekk id-domandi tal-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Rat l-affidavits kollha ezebiti mill-partijiet u d-dokumenti annessi maghhom.

Rat il-prospett tal-kumpens pretiz mill-attur a fol. 92 tal-process.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Joseph Gaffiero a fol. 268 et seq.

Rat in-noti ta' sottomissjoniet ipprezentati mid-difensuri tal-partijiet.

**Talba u kontestazzjoni**

L-atturi qed jitolbu lill Qorti tillikwida somma bhala kumpens ghall servigi u assistenzi rezi mill-attur Joseph Baldacchino lill Edgar Agius Catania fil-perjodu bejn l-4 ta' Marzu 1981 u s-16 ta' Novembru 1997.

Il-konvenuti wiegbu li mhuwiex minnu li l-attur Joseph Baldacchino ippresta xi servigi u assistenza lill-mejjet Agius Catania.

**Preskrizzjoni**

Il-konvenuti kienu ulterjorment eccepew il-preskrizzjoni kwinkwennali a termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Hu risaput li l-preskrizzjoni applikabbli ghal servigi hi dik kwinkwennali taht l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Ghalhekk il-pretenzjoni ta' l-atturi se tigi limitata biss ghall l-ahhar hames snin qabel giet intavolata din il-kawza, minn 1993 san 1998. Edgar Agius Catania pero' miet f'Novembru 1997.

**Kontestazzjoni**

Fil-kaz in ezami l-kwistjoni kollha hija wahda dwar kredibilita' billi hemm zewg verzjonijiet opposti. L-attur Joseph Baldacchino jsostni li hu kien irrenda servigi u assistenza lill Agius Catania mentri l-konvenuti jghidu li dan ma hu veru xejn.

Il-konvenuti jikkontendu li fl-ahhar sena tal-hajja ta' Edgar Aguis Catania huma kienu jghixu ma' Agius Catania billi dana kien *bed ridden* u ghalhekk zgur li l-attur ma jistax jghid li rrenda servigi f'dak il-perjodu. Qabel dak il-perjodu huma kienu jzuru regolarment lill Agius Catania, iz-ziju tal-konvenuta u lill attur qatt ma rawh id-dar tieghu. Inoltre jghidu li Agius Catania kien bniedem indipendenti, ta' wahdu u b'sahhtu u ma kellux bzonn ghajnuna ta' barranin. Hu kellu diversi nies li jaqduh bi hlas ghall bzonnijiet tieghu. Finalment, meta Agius Catania kien rikoverat l-Isptar hu kien qed jigi kurat mill-addetti ta' l-isptar u l-konvenuta kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tieghu.

Il-konvenuti jsostnu wkoll li l-attur ma gabx provi kif trid il-ligi dwar in-natura preciza ta' l-allegati servigi rezi, u kull ma ghamel kien li ffabbrika l-pretenzjoni tieghu ta' servigi u anke pprezenta affidavits foloz ta' persuni li suppost rawh fid-dar ta' Agius Catania jippresta servigi.

**Verzjonijiet konfliggenti**

Meta jkollok verzjonijiet konfliggenti, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti, certi provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f'kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikunu sehhu l-affarijiet.

**Servigi**

Fil-kaz ta' talba ghal servigi, u b'riferenza partikolari ghal kaz in ezami, l-Qorti thoss li dawn il-punti huma ta' importanza.

Ix-xorta ta' servigi resi.
L-ammont ta' xoghol u impenn involut (mhux biss strapazz).
L-ispejjez involuti de proprio.
Jekk il-persuna li lilha gew resi s-servigi kelliex ghajnuna ohra.

**Konsiderazzjonijiet**

Kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-konvenuti, zgur li ma jistax jinghad li l-attur ma gabx dokumenti biex jaghti spjegazzoni jew dettalji tas-servigi mitluba u dati specifici. (ara Dettalji dwar ir-relazzjoni ta' l-attur ma' Edgar Agius

Catania minn fol 19 sa 27). Il-konvenuti pero' qed jghidu li dawn il-figuri huma fabbrikati bhal ma gie pruvat li l-attur ffabbrika l-affidavits ta' xhieda li hu ressaq biex isostnu l-versjoni tieghu.

Fix-xhieda tieghu l-attur spjega f'hiex kienu jikkonsistu s-servigi u l-assistenza li kien jaghti lill Agius Catania waqt li kien ikun ghandu d-dar tieghu (ara fol. 15).

L-atturipprezenta stima ta' xoghol u servizzi li wettaq (fol. 92) f'total ta' Lm133; u taz-zmien bejn 1981 u 1997 li fih hu tah dan is-servizz lill Agius Catania meta dan kien ghadu d-dar u meta hu kien l-isptar (800 gimgha) fol 94. Il-kumpens mitlub ghal dawn is-servigi hu ta' Lm7,258 . B'kollox bhala total l-attur qed jitlob is-somma ta' **Lm7,391**

L-attur jispjega li hu kien jaghti lil Agius Muscat xoghol ta' *caring* li huwa mfittex u apprezzat hafna fil-hajja socjali (fol 16). Bl-attenzjoni li kien jaghtih Edgar Agius Catania baqa' d-dar bla ma dahal fi spejjez kbar u b'hekk dawk il-flus li franka bhala hlas fid-dar ta' l-anzjani gew imfaddla.

L-attur spjega wkoll f'hiex kienet tikkonsisti l-assistenza li kien jaghti, meta Agius Catania kien rikoverat l-isptar San Luqa u wara San Vincenz de Paule. (ara fol 17). Basikament hu jghid li kien jinviztah, jitkellmu, jirrangalu hwejgu u l-persuntu, jghinu jiekol u jixrob, idawwru fis-sodda f'posizzjoni komda. Ighid li hu kien jaghmel dawn is-servizzi minhabba l-weghdi li ghamillu Agius Catania li se jhallilu xi benefikati u li kien se jahseb fih. (ara wkoll notatment a fol 22 datat 22-6-97).

**Tikkunsidra**

**Meta Agius Catania kien ghadu jirrisjedi d-dar.**

**Karattru ta' Agius Catania**

Jirrizulta mill provi prodotti u  minn nies li kienu jafuh, li Agius Catania kien bniedem riservat, ma kien jafda lill hadd jew almenu lill ftit nies. Kien b'sahhtu, indipendenti, rasu iebsa u tip nervuz.  Ma kienx fil-karattru tieghu li jhalli barranin jidhlu fid-dar tieghu. Lanqas ma kien jiddiuskuti l-affarijiet personali tieghu ma barranin. (Ara xhieda Dr. Bisazza u Dr. Paris).

Il-konvenuti jsostnu li f'dan il-perjodu kieku Baldacchino kien qed jirrendi xi servigi lill Agius Catania, il-familjari tieghu, partikolarment in-neputija tieghu, il-konvenuta, din kienet tkun taf ghax hi kienet tkun prezenti u anke kieku z-ziju kien jghidilha kollox. Il-konvenuta semmiet li Agius Catania kien jghdilha biex ma tiftahx lill attur meta kien imur ihabbat id-dar u kemm jista' jkun tevitah.  Ma jirrizultax li l-attur kien jghaddi granet ma' Agius Catania fid-dar tieghu, u x-xhieda kollha prodotti jghidu li huma ma kienux jaraw lill attur gewwa d-dar. Issemmiet okkazzjoni meta l-attur kien mar biex jaghti l-kondoljanzi lill Edgar meta miet huh.

Ingabu provi li f'dan il-perjodu Agius Catania kien ghadu kapaci jaghmel l-affarijiet tieghu wahdu u ghal certi bzonnijiet kellu nies apposta li kienu jghinuh fid-dar u fil-manutenzjoni taghha bi hlas. Agius Catania kellu lill min jahdimlu l-gnien. Kellu l-gardinar tieghu Consilio Tabone (fol. 144)  u lill Cikku Tabone li kienu jiehdu hsieb il-gnien regolarment.  Dan apparti li anke l-konvenut Philip Dedomenico kien jghin.  Inoltre Agius Catania kellu l-*mechanic* tieghu Gianni Abela li kien isewwilu kull ma kellu bzonn fil-karozza. (fol. 108). Kellu wkoll *helper* Paolina Sciberras  (fol. 54 ) biex tnaddaflu d-dar.

Jirrizulta pruvat li meta Agius Catania kien iqabbad in-nies biex jaghmlulu x-xoghol hu kien ihallashom. Fil-fatt l-attur jikkonferma li meta darba, hafna zmien ilu, kien xtralu hobza, Agius Catania kien hallsu taghha.

Dan kien in linja ma dak li Agius Catania kien jirrepeti spiss li "Jekk jigrili xi haga m'iniex obbligat lejn hadd u m'ghandi naghti xejn lil hadd".

Dwar ix-xhieda li l-attur ressaq biex juri li hu kien jirrendi servigi lill Agius Catania, l-Qorti hi tal-fehma li gie pruvat li kien hemm manipulazzjoni tax-xhieda ghalhekk dawn ma jistghux jinghataw kredibbilita' li jmiss mill-Qorti. Jidher li dawn ix-xhieda li l-attur ressaq tpoggilhom il-kliem f'halqhom, bhal bellaghlhom affidavit u dawna ffirmaw dak li gie pprezentat lilhom. Jirrizulta wkoll mill-provi li l-attur ma ddejjaq xejn iqarraq b'mara anzjana biex jakkwista l-affidavit taghha. (Ara xhieda ta' John Cumbo u Antonia Gravina u l-ittra ta' Dr. Toni Abela f'dan ir-rigward fejn wissa lill attur li kien se jiehu passi kontra tieghu jekk juza l-affidavit ta' Gravina fol. 75). Dan apparti li anke certa xhieda ma tipprova xejn ghax il-persuna anzjana imsemmija ma giex indikat min kienet u anke saret riferenza ghall zmien meta Agius Catania kien diga mejjet.

Inoltre l-Qorti taghmel riferenza ghar-relazzjoni tal-espert kalligrafu u ghall-konkluzjoniet tieghu li l-ittra anomina mibghuta lil Edgar Agius Catania fejn l-awtur appellalu biex jiftah idejh, giet mibghuta mill-attur innifsu. Din il-konstatazzjoni titfa' hafna dawl fuq il-verita' u dana ghaliex jidher illi l-intenzjoni ta' l-attur ma kinitx ghajr li jipprova jiehu xi haga minn fuq dan il-guvni anzjan. Inoltre l-isforzi tal-attur biex jahbi l-kalligrafija tieghu tkompli titfa d-dubji fuq l-intenzjonijiet ta' l-attur.

F'dan is-sens ta' min wiehed jirrileva li sahansitra meta dahal f'Villa Agius Catania biex jaghti l-kondoljanzi ghall-mewt ta' Albert Agius Catania, hu Edgar, l-attur rrimarka fuq certi affarijiet ta' valur fil-Villa. Inoltre l-konvenuta rrakkontat episodju fejn l-attur meta mar jinvista lil Agius Catania gewwa l-Isptar Saint Vincent de Paule, kien talab xi kotba antiki lil pazjent iehor.

Jigi osservat inoltre li l-attur hu pjuttost wahdu fil-versjoni tieghu. Hu ma ressaqx lill martu u lil bintu  Maria (li tissemma diversi drabi) biex jikkonfermaw certi episodji jew diskors li allegatament kien sar fil-prezenza taghhom.

Id-dikjarazzjoni ta' l-attur li hu kien intalab jiehu hsieb Agius Catania wara li miet huh billi hu gie wahdu giet michuda minn Dr. Paris li qal li “zgur li dan il-bniedem qatt

ma ddelegajtlu xi missjoni li jiehu hsieb Edgar". (Fol. 68) Anzi Dr. Paris jghid li kienet il-konvenuta li tiehu hsieb Agius Catania u kienet hi li tibghat ghalih bhala it-tabib kuranti meta Agius Catania kien jinqalghalu xi haga. Meta kien imur id-dar ta' Agius Catania dejjem lill konvenuta sab. Hu jghid li Agius Catania ghamel zmien fis-sodda u kienet dejjem il-konvenuta li tiehu hsiebu billi kienet toqghod mieghu.

F'dan iz-zmien meta Agius Catania kien *bed ridden* fid-dar tieghu u l-konvenuti kienu jghixu mieghu u jiehdu hsiebu, l-attur ma kienx jersaq l' hemm u Agius Catania kien ikun irid li ma jidhol hadd hlief tal-familja. Allura f'dan iz-zmien zgur li l-attur ma setghax jaghti s-servizz ta' *caring* li semma f'dak il-perjodu.

Mix-xhieda tal-konvenuta jirrizulta li l-attur kienu rawh fid-dar ta' Agius Catania wara l-funeral ta' Albert hu Edgar mal vizitaturi u okkazzjonijiet ohra fil-*garage* u mhux god-dar. Il-konvenuta ssemmi li l-attur kien biddel il-*wire* tal-*fuse* fil-kamra taz-ziju Albert, hafna zmien ilu u f'zewg okkazzjonijiet ghamel tiswijiet fil-bieb. Il-Qorti hi tal-fehma li fuq dawn l-episodji singoli ma tistax tiddeciedi, apparti l-kwistjoni ta' meta saru ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u jekk harigx xi flus l-attur, dawn kienu servizzi minimi probabilment bi pjacir u mhux it-tip ta' servigi ta' tmint elef lira li qed jippretendi.

**SPTAR**

Agius Catania kien imbaghad idahhal l-Isptar San Luqa ghal xi testitjiet u wara spicca f'St Vincent De Paule fejn miet. Skond il-konvenuti fl-isptarijiet Agius Catania ma kellux bzonn ghajnuna izjed minn dika li kienet tinghata mill is-staff ta' l-isptar, apparti li l-konvenuta kienet ukoll tiehu hsiebu f'kull ma kellu bzonn.

L-attur kien jipprova jmur hdejn Agius Catania l-isptar pero' mhux meta kien ikun hemm il-konvenuta. Meta kien jara lill-konvenuta magemb Agius Catania l-attur kien imur ikellem xi pazjenti ohra.

Skond il-konvenuta, Agius Catania kien jiddejjaq b'dawn il-viziti ta' attur izda fl-istat li kien ma setgha jaghmel xejn biex izommu milli jmur izuru. Tghid il-konvenuta li Agius Catania kien kostrett li joqghod ghaz-zjajjar ta' l-attur li kien jintrometti ruhhu fuqu bhal ma kien ghamel ma' Antonia Gravina mara ta' 86 sena li kienet gie mgieghlha mill-attur tiffirma affidavit kontra r-rieda taghha.

Ghalkemm jirrizulta li l-attur kien jinvizta lill Agius Catania l-isptar, ma jirrizultax li b'dak li kien jaghmel billi jmur jarah u jkellmu u bl'impenn involut f'dawk il-vizti, ma kienx jintitolah ghas-servigi li qed jitlob.

**Konkluzzjoni**

Il-Qorti tikkonkludi ghalhekk li l-versjoni tal-fatti tal-konvenuti hija aktar verosimili mentri dika ta' l-attur li mhiex korroborata. Min-naha tal-konvenuti l-fatti minnhom dikjarati gew korroborati b'diversi xhieda, fosthom x-xhieda indipendenti t-Tabib Paris li cahad li qatt iddelega l-kura ta' Agius Catania lil xi barrani inkluz l-attur, u n-Nutar Victor Bisazza li ghamel it-testment ta' Agius Catania u li kkonferma li d-decujus qatt ma semma lill-attur.  Kien hemm diversi xhieda ohra li attakkaw il-verzjoni tal-fatti mistqarra mill-attur u kkorroboraw dik tal-konvenuti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet attrici
tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.
Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------